MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 1289/2012

**PULIZIJA**
**SPETTRU GABRIEL MICALLEF**

**VS**

**MICHAEL DANIEL XUEREB**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Daniel Xuereb, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 458001 L.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-3 ta` Gunju, 2012 ghal habta tad-disgha nieqes sitt minuti ta` filghaxija (20:56hrs) minn gewwa il-lukanda Damiani li tinsab fi Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar;

1. Ikkommetta serq ta` flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-deteriment ta` Mark J. Sammut u/jew persuni ohra.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tiddikjara li t-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza huma t-tnejn eccellenti u x-xenarju prospettat miz-zewg partijiet huma t-tnejn veru simili, specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-dinamika tal-incident, il-prattika passata u l-komportament tal-imputat l-ghada li l-incident gie skopert.

Il-mistoqsija li wiehed ghandu jistaqsi hija, u dan wara li gie ddeterminat bla ebda dubju li kien l-imputat li ha dawn il-flus, kellu l-imputat l-intenzjoni li jrodd lura dawn il-flus jew li javza lill-*employers* tieghu li ha dawn il-flus kif del

resto huwa kien ta` spiss jaghmel, jew kienetx l-intenzjoni tieghu li jzomm kollox mistur u jipprova jghaddi minnha billi jehel xi haddiehor?

Il-Qorti wara li fliet il-provi prodotti taghmel dawn il-punti:

1. Il-fatt illi l-imputat ta` sikwit kien jithallas qabel mill-*cash* li kien isib fir-*reception* u imbghad javza lill-*employers* sussegwentement;

2. Il-fatt illi ghaddew biss ftit sieghat minn mindu huwa ha l-*cash*, wara li spicca x-xoghol tard filghaxija, u l-ghada filghodu meta huwa dahal ghax-xoghol;

3. Il-fatt illi l-imputat kien ghal xi zmien impjegat ma` din is-socjeta` ghal xi zmien qabel u ghalhekk kien jaf is-*set up* tal-kameras tas-sigurta` u ghalhekk konxju li meta huwa ha l-flus mill-kexxun dan kien jigi rrekordjat;

4. Il-fatt illi l-imputat ammetta immedjatament x'hin dahal ghax-xoghol l-ghada filghodu li kien hu li ha dawn il-flus u li huwa ma setghax bhas-soltu javza lill-*employer* b'dak li kien ghamel ghaliex meta huwa ha l-flus kien tard filghaxija;

5. Il-fatt illi huwa kkowopera bi shih mal-awtoritajiet investigattivi u ammetta minnufih l-involviment tieghu.

Allura dan ghal din il-Qorti jfisser illi l-imputat kellu kull intenzjoni li jirritorna l-flus minnu mehuda. Il-Qorti mhix qed tghid illi l-imputat ghamel sew, pero` lanqas tista` tghid li huwa kellu dik il-mens rea rikjesta mill-ligi li jzomm ghalih il-frott ta` din il-misaproprazzjoni. Hi x'inhi l-interpretazzjoni tal-agir tal-imputat minn din il-Qorti hija wahda mhux cara u tikkrea dubju ragonevoli dwar il-vera intenzjoni li kellu l-imputat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li m'ghandiex xelta ohra hlief illi tillibera lill-imputat ghal dawn ir-ragunijiet.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------